# Min Huma l-Persuni ta' Fiduċja? Nota ta' Informazzjoni

## 1 Daħla: persuni b'ħatra politika, persuni ta' fiduċja, u persuni politikament esposti

Skont l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika jista' jinvestiga ksur ta' etika minn **deputati parlamentari** u **persuni ta' fiduċja**.

Il-kelmiet "persuni ta' fiduċja" ġeneralment jittieħdu li qed jirreferu għal kull min għandu ħatra politika (political appointee), jiġifieri b'xi mod jew ieħor ingħata xogħol mill-gvern tal-ġurnata mingħajr proċess tal-għażla skont il-mertu. Madankollu, l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika jagħti tifsira ferm aktar ristretta lill-istess kelmiet. Mhux kull min għandu ħatra politika jista' jiġi investigat mill-Kummissarju għall-Istandards. Tul is-snin il-Kummissarju kellu jiċħad diversi talbiet biex jinvestiga persuni li, għalkemm kellhom ħatra politika, ma kinux persuni ta' fiduċja skont it-tifsira fl-Att.

Inqalgħet anki konfużjoni bejn persuni ta' fiduċja u persuni politikament esposti (PEPs). Biss, it-tifsira tal-kelmiet "persuni politikament esposti" toħroġ mil-liġi dwar il-ħasil tal-flus u m'għandhiex x'taqsam mal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Infatti ftit hemm PEPs fost il-persuni ta' fiduċja li jaqgħu taħt l-Att.

Din in-nota ta' informazzjoni hija maħsuba biex tagħti stampa aktar ċara dwar dan is-suġġett. Bħala sfond, dan id-dokument jibda billi jagħti ħarsa ġenerali lejn kategoriji differenti ta' persuni b'ħatra politika u jesplora xi kwistjonijiet li qamu dwar dawn il-ħatriet. Imbagħad jispjega min huma dawk li jistgħu jitqiesu persuni ta' fiduċja skont l-Att. Finalment, dan id-dokument jindika x'għandu jagħmel min jixtieq jilmenta dwar xi individwu iżda mhux ċert jekk dak l-individwu huwiex persuna ta' fiduċja skont l-Att.

## 2 Kategoriji differenti ta' persuni b'ħatra politika

### *2.1 Konsulenti u oħrajn ingaġġati b'kuntratt għal servizz*

Jekk il-gvern tal-ġurnata jixtieq jakkwista s-servizzi ta' persuna partikolari, mod kif jista' jagħmel dan huwa billi jagħtiha kuntratt għal servizz b'ordni diretta, jiġifieri mingħajr sejħa kompetittiva għall-offerti. Dan il-mekkaniżmu ta' spiss jintuża mill-gvern biex iqabbad konsulenti.

Min jiġi mqabbad b'dan il-mod ma jsirx impjegat tal-gvern, anki jekk il-kuntratt tiegħu jinvolvi xogħol full-time. F'termini legali huwa qed jipprovdi servizz, u jitħallas miżata mhux salarju.

## 2.2 Membri ta' bordijiet u kumitati tal-gvern

L-istrutturi tal-gvern jinkorporaw numru kbir ta' bordijiet u kumitati. Dawn jinkludu bordijiet li jagħtu pariri dwar policy; bordijiet li jiddeċiedu fuq każijiet individwali; u l-bordijiet ta' tmexxija ta' awtoritajiet pubbliċi u entitajiet oħra fis-settur pubbliku.

Il-membri tal-biċċa l-kbira tal-bordijiet u l-kumitati tal-gvern jintgħażlu mill-ministri fid-diskrezzjoni tagħhom. Meta jinbidel il-gvern, il-membri ta' dawn il-bordijiet jirriżenjaw biex il-gvern il-ġdid ikollu għażla libera fil-ħatra tas-suċċessuri tagħhom. Għal dawn ir-raġunijiet it-tendenza hi li jitqiesu bħala persuni b'ħatra politika.

## 2.3 Persuni fis-segretarjati privati tal-ministri

Kull ministru u segretarju parlamentari jista' jaħtar persuni tal-għażla tiegħu biex iservu fis-segretarjat privat tiegħu. Il-kapitolu 7 tal-*Manual on Resourcing Policies and Practices*, maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, jimponi dawn il-limiti fuq id-daqs ta' kull segretarjat:

- is-segretarjat tal-Prim Ministru: 37 persuna;
- is-segretarjat ta' ministru: 19-il persuna;
- is-segretarjat ta' segretarju parlamentari: 11-il persuna.[1]

Karigi simili fis-segretarjati ġeneralment jingħataw l-istess titli. L-ogħla kariga hija dik ta' Kap tas-Segretarjat.[2] Karigi oħra b'titli komuni huma dawk ta' Segretarju Privat, Customer Care Officer, Coordinating Officer u Secretariat Officer. Madankollu, f'xi segretarjati jista' jkun hemm anki karigi b'titli uniċi.

Il-membri tas-segretarjati jistgħu jintgħażlu minn fost dawk li diġà huma impjegati pubbliċi, jew inkella jiġu ingaġġati minn barra l-amministrazzjoni pubblika. Kollha jintgħażlu skont il-fiduċja, izda huma biss dawk ingaġġati minn barra li uffiċjalment jissejħu persuni ta' fiduċja. Min diġà jkun impjegat pubbliku uffiċjalment jissejjaħ persuna li għandha "pożizzjoni ta' fiduċja".

L-artikolu 6A(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika jgħid li persuna ta' fiduċja m'għandhiex titqies bħala impjegat pubbliku. Bil-lingwaġġ amministrattiv tal-gvern

---

1 *Manual on Resourcing Policies and Procedures* (30 ta' Marzu 2023), pp. 133–134. Aċċessibbli minn https://publicservice.gov.mt/en/Documents/Public%20Service%20Management%20Code/PSMC%20Manuals/Manual_on_Resourcing_Policies_and_Procedures.pdf.

2 Bejn l-2013 u l-2020 il-kap tas-segretarjat ta' ministru kien jissejjaħ Chief of Staff, iżda dan it-titlu m'għandux jintuża uffiċjalment.

jingħad li persuna ta' fiduċja tiġi "ingaġġata", mhux impjegata. Minkejja dan, persuna ta' fiduċja hija trattata qisha impjegat fil-prattika. Tirċievi salarju u tingħata leave bi ħlas. Barra minn hekk, tiġi ngaġġata fuq kuntratt ta' sena li jispeċifika li ma jistax iwassal għal impieg indefinit, jiġġedded kemm jiġġedded: dan ma jkollux għalfejn jingħad kieku l-kuntratt mhux wieħed ta' impieg.

## 2.4 Persuni f'uffiċċji relatati

Il-ministri jagħmlu ħatriet ta' fiduċja wkoll f'uffiċċji li huma relatati mill-qrib mas-segretarjati tagħhom iżda għandhom limiti separati fuq id-daqs.

L-Uffiċċju tal-Prim Ministru jinkludi fih Government Communications Unit, Central Government Customer Care Unit u Central Parliamentary Questions Unit. Dawn l-uffiċċji bejniethom għandhom limitu ta' 26 membru.

Barra minn hekk, kull ministeru jista' jistabbilixxi Strategic and Priorities Unit li jiġbor fih numru ta' konsulenti dwar policy. Il-Prim Ministru jista' jaħtar tmien konsulenti dwar policy. Kull ministru jista' jaħtar erbgħa u kull segretarju parlamentari jista' jaħtar tnejn.

Hawn ukoll issir distinzjoni bejn persuni ta' fiduċja (dawk ingaġġati minn barra l-amministrazzjoni pubblika) u dawk li għandhom pożizzjoni ta' fiduċja (dawk li diġà huma impjegati pubbliċi). Bħal sħabhom fis-segretarjati, il-persuni ta' fiduċja fl-uffiċċji relatati huma impjegati fil-prattika għalkemm mhux fl-isem. Għalhekk għandha tinżamm distinzjoni ċara bejn konsulent dwar policy fi Strategic and Priorities Unit u konsulent ingaġġat fuq kuntratt għal servizz (ara **t-taqsima 2.1** ta' din in-nota ta' informazzjoni).

## 2.5 Ħatriet politiċi f'karigi amministrattivi għolja

Diversi uffiċjali ewlenin fl-amministrazzjoni pubblika jistgħu jinħatru mingħajr sejħa għall-applikazzjonijiet, għalkemm ma jitqisux bħala persuni ta' fiduċja. Per eżempju:

- Is-Segretarju Permanenti Ewlieni huwa l-ogħla uffiċjal pubbliku (public officer, jew impjegat tal-gvern) f'Malta. Huwa effettivament jintgħażel mill-Kabinett. Jista' jintgħażel biss min hu diġà uffiċjal pubbliku.
- Is-segretarji permanenti huma l-ogħla uffiċjali pubbliċi fil-ministeri. Dawn jintgħażlu mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, korp kostituzzjonali indipendenti, wara li tikkunsidra nomini mingħand is-Segretarju Permanenti Ewlieni. Il-Kummissjoni mhix obbligata taċċetta dawn in-nomini iżda s-soltu hekk tagħmel. Hawn ukoll, jista' jintgħażel biss min hu diġà uffiċjal pubbliku.
- L-ambaxxaturi ta' Malta f'pajjiżi oħra jintgħażlu mill-Prim Ministru, li għandu jikkonsulta l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jekk min jintgħażel ikun uffiċjal pubbliku. Jekk min jintgħażel ma jkunx uffiċjal pubbliku, il-ħatra tiegħu ikollha bżonn l-approvazzjoni tal-Kumitat tal-Parlament dwar il-Ħatriet Pubbliċi. Hemm ambaxxaturi li għamlu karriera fis-servizz diplomatiku Malti u oħrajn li ntgħażlu minn barra l-amministrazzjoni pubblika.

- Diversi liġijiet jistabbilixxu karigi bit-titlu ta' kummissarju (il-Kummissarju għat-Tfal, il-Kummissarju għall-Anzjani, il-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali). Il-ħatriet f'dawn il-karigi jsiru mill-gvern fid-diskrezzjoni tiegħu, basta jikkonsulta ma' terzi skont kif titlob il-liġi li tirregola kull kariga partikolari.
- Il-kapijiet eżekuttivi ta' entitajiet pubbliċi (awtoritajiet, aġenziji u organizzazzjonijiet oħra li huma tal-gvern jew ikkontrollati mill-gvern, iżda legalment mhux parti minnu) ġieli jinħatru skont il-fiduċja. F'xi każijiet il-ministru risponsabbli għal entità pubblika jista' jaħtar il-kap eżekuttiv hu direttament, mingħajr ma jinvolvi l-bord ta' tmexxija tal-entità.

## 2.6 Ħatriet politiċi f'karigi amministrattivi inqas għolja

Karigi inqas għolja fid-dipartimenti tal-gvern u l-entitajiet pubbliċi wkoll jistgħu jimtlew skont il-fiduċja. Dan jista' jsir taħt żewġ dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi:

- l-artikolu 15(2)(a) tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ; u
- l-artikolu 6A(1)(ċ) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

Bis-saħħa tal-artikolu 15(2)(a) tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ, entità pubblika tista' timpjega persuni skont il-fiduċja jekk tingħata permess għal dan il-għan mill-Jobsplus, l-awtorità nazzjonali dwar l-impiegi. Din id-dispożizzjoni oriġinarjament saret liġi bħala parti mill-Att tal-1990 dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ u ġiet riprodotta fl-Att kurrenti bl-istess titlu, li daħal fl-2019 u ħa post il-liġi ta' qabel.

L-artikolu 6A(1)(ċ) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika jagħti s-setgħa lil kull ministru li jingaġġa persuni ta' fiduċja biex jimla karigi f'dipartimenti tal-gvern u entitajiet pubbliċi li jibqgħu battala wara sejħiet ripetuti għall-applikazzjonijiet. Din id-dispożizzjoni ddaħħlet fl-Att fl-2021, iżda tagħti bażi legali lil prattika li ilha stabbilita. Ċirkolari maħruġa mill-gvern fl-2011 semmiet "*managerial positions (e.g. CEO, Senior Manager, etc)*" u "*technical positions (e.g. Manager News and Registered Editor, Biomedical Engineer)*" bħala eżempji ta' karigi li setgħu jimtlew skont il-fiduċja.[3]

Anki liġijiet oħra jistgħu jagħtu lok għall-ħatra ta' impjegati tal-gvern skont il-fiduċja. Per eżempju, regolamenti maħruġa taħt l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika jaħsbu għall-ħolqien ta' "korpi speċjalizzati" (specialised units) u jagħtu s-setgħa lill-ministru responsabbli għal kull korp li jaħtar il-kap tiegħu mingħajr sejħa għall-applikazzjonijiet.[4]

Minn dawn kollha, huma biss dawk maħtura taħt l-artikolu 6A(1)(ċ) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika li uffiċjalment jissejħu persuni ta' fiduċja.

---

[3] Ċirkolari tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru nru 21/2011, intitolata "Engagement/Renewal of Engagement of Persons Appointed on a 'Person of Trust' Basis" u maħruġa fl-14 ta' Diċembru 2011.

[4] Ara r-regolament 5(3) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni, l-Amministrazzjoni u l-Operat ta' Korpi Speċjalizzati (LS 595.43).

# 3 Għaliex huma kontroversjali l-ħatriet politiċi?

Huwa ġeneralment aċċettat li ministru għandu dritt jingaġġa persuni tal-fiduċja tiegħu fis-segretarjat privat tiegħu. Dan ifisser li l-ministru għandu jerfa' responsabbiltà partikolari għal imġiba ħażina min-naħa tagħhom. Madankollu, il-ħatriet politiċi ħolqu kontroversja. Hemm diversi raġunijiet għal dan.

## *3.1 In-numru ta' persuni b'ħatra politika*

L-ewwel nett, hemm numru kbir ta' persuni b'ħatra politika. Skont informazzjoni żvelata mill-gvern taħt l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, 683 persuna kellha ħatra ta' fiduċja fil-31 ta' Ottubru 2017. Dan in-numru jinkludi sew il-persuni ta' fiduċja u sew il-persuni f'pożizzjonijiet ta' fiduċja, iżda jeskludi l-membri ta' bordijiet u kumitati.[5]

Ma nħarġitx informazzjoni aktar riċenti.

## *3.2 Il-prinċipju tal-mertu u l-integrità fl-amministrazzjoni pubblika*

It-tieni, mhux kull min għandu ħatra politika jservi fis-segretarjat ta' ministru. Skont l-informazzjoni zvelata mill-gvern fl-2017, fost il-karigi li mtlew skont il-fiduċja hemm dawk ta' security guard, maintenance officer, u crane and forklift operator.

Ħatriet bħal dawn ħolqu tħassib dwar il-prinċipju tal-mertu u l-integrità fl-amministrazzjoni pubblika. Fl-2018 il-Kummissjoni Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa ħarġet rapport dwar Malta li qal li "*kwalunkwe eċċezzjoni fil-proċeduri li jaħsbu għall-ħatriet skont il-mertu hija periklu għall-kwalità tas-servizz ċivili, li huwa s-sinsla ta' stat demokratiku taħt is-saltna tad-dritt*".[6] Riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa fl-2022 qalet li "*In-numru kbir ta' persuni b'ħatra politika u n-nuqqas ta' regolamentazzjoni legali ta' dawn il-karigi jirrendu s-servizz ċivili Malti aktar vulnerabbli għal kunflitti ta' interess u favoritiżmu.*"[7]

Il-*Manual on Resourcing Policies and Procedures* jgħid li l-persuni ta' fiduċja m'għandhomx "*igawdu setgħat eżekuttivi fuq materji u impjegati tal-gvern*".[8] Din ir-

---

5 *The Malta Independent*, "Around 700 People Employed on a Trust Basis or as Consultants by Government", 4 ta' Marzu 2018. Aċċessibbli minn http://www.independent.com.mt/articles/2018-03-04/local-news/Around-700-people-employed-on-a-trust-basis-or-as-consultants-by-government-6736185647.

6 Kummissjoni Venezja, *Malta: Opinion on Constitutional Arrangements and Separation of Powers and the Independence of the Judiciary and Law Enforcement* (17 ta' Diċembru 2018), paragrafu 127 (maqlub mill-Ingliż). Aċċessibbli minn https://www.venice.coe.int/webforms/documents/?pdf=CDL-AD(2018)028-e.

7 Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, riżoluzzjoni 2451 tal-2022, paragrafu 7 (maqlub mill-Ingliż). Aċċessibbli minn https://pace.coe.int/en/files/30199#trace-3.

8 *Manual on Resourcing Policies and Procedures*, paġna 126 (maqlub mill-Ingliż).

regola tidher maħsuba bħala salvagwardja kontra l-abbuż. Madankollu, ma tgħoddx għal kull min għandu ħatra politika, u mhux bilfors dejjem hija osservata anki fir-rigward ta' persuni ta' fiduċja. Meta fl-2019 twaqqaf Hate Crime and Speech Unit fil-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, persuna ta' fiduċja fis-segretarjat tal-ministru ġiet inkarigata biex tmexxih minkejja li dan l-uffiċċju ma kellux rwol politiku.[9]

## 3.3 Il-legalità dubjuża tal-ħatriet politiċi

It-tielet, hemm dubju dwar kemm ħafna ħatriet politiċi huma skont il-liġi. L-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni jgħid li l-uffiċjali pubbliċi għandhom jinħatru skont il-mertu. Il-kelmiet "uffiċjali pubbliċi" (public officers) kif imfissra fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni effettivament jirreferu għall-impjegati mhux militari tal-gvern. L-impjegati ta' entitajiet pubbliċi mhumiex uffiċjali pubbliċi, iżda l-artikolu 110(6) jgħid li huma wkoll għandhom jiddaħħlu skont il-mertu.

Hemm xi eċċezzjonijiet f'dawn l-artikoli, bħal fil-każ ta' segretarji permanenti u ambaxxaturi, iżda dawn l-eċċezzjonijiet huma speċifiċi u limitati ħafna. M'hemm ebda eċċezzjoni ġenerali li tagħti lok għall-ingaġġ ta' persuni ta' fiduċja fid-dipartimenti tal-gvern u l-entitajiet pubbliċi. Il-Kostituzzjoni lanqas biss tagħti lok għall-ingaġġ ta' persuni ta' fiduċja fis-segretarjati tal-ministri.

Fl-2018 il-Kummissjoni Venezja rrakkomandat li għandha "*tiġi adottata emenda kostituzzjonali flimkien ma' bażi legali ċara, li strettament tillimita l-ħatra ta' persuni ta' fiduċja.*"[10] Il-Grupp ta' Stati Kontra l-Korruzzjoni (GRECO) għamel rakkomandazzjoni simili fl-2019.[11]

Fl-2021 l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika ġie emendat bl-inklużjoni tal-artikolu 6A, li jaħseb għall-ingaġġ ta' persuni ta' fiduċja. Madankollu, ma sar ebda tibdil fil-Kostituzzjoni. Barra minn hekk, ebda limiti fuq in-numri ta' persuni ta' fiduċja ma ġew inklużi fl-Att: minflok, l-artikolu 6A(3) jgħid li għandu jkun hemm manwal li jinkludi dawn il-limiti. Il-kapitolu 7 tal-*Manual on Resourcing Policies and Procedures* jaqdi dan l-iskop. Il-manwal jimponi limiti fuq id-daqs ta' kull segretarjat u uffiċċju relatat, iżda mhux fuq in-numru ta' persuni ta' fiduċja li jistgħu jiġu ingaġġati biex jimlew karigi fid-dipartimenti u l-entitajiet tal-gvern li jibqgħu battala wara sejħiet pubbliċi għall-applikazzjonijiet.

---

9 Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, rapport dwar il-każ K/024 (1 ta' Settembru 2020) paragrafi 16, 58–59. Aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K024.pdf.

10 Kummissjoni Venezja, *Malta: Opinion on Constitutional Arrangements*, paragrafu 129 (maqlub mill-Ingliż).

11 GRECO, *Fifth Evaluation Round: Preventing Corruption and Promoting Integrity in Central Governments (Top Executive Functions) and Law Enforcement Agencies – Evaluation Report* (22 ta' Marzu 2019), paragrafu 26. Aċċessibbli minn https://rm.coe.int/grecoeval5rep-2018-6-fifth-evaluation-round-preventing-corruption-and-/168093bda3.

Meta l-liġi li emendat l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika kienet għadha abbozz quddiem il-Parlament, il-Kummissarju għall-Istandards ta' dak iż-żmien kiteb lil kull deputat biex jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' kompatibilità bejn l-abbozz u l-Kostituzzjoni. Huwa esprima tħassib partikolari dwar id-dispożizzjoni li tippermetti ħatriet skont il-fiduċja f'karigi battala fid-dipartimenti u l-entitajiet. Il-Kummissarju osserva li huwa l-gvern tal-ġurnata li jiddeċiedi kemm għandu postijiet battala f'kull kategorija ta' impieg. Huwa wissa li maż-żmien l-abbozz jista' "*jwassal għall-impieg ta' numru dejjem akbar ta' persuni ta' fiduċja, li lkoll ikunu jafu l-impieg tagħhom lill-ministru, u li ħafna minnhom mhux neċessarjament ikunu kwalifikati jew kompetenti f'xogħolhom. B'hekk l-amministrazzjoni pubblika ta' Malta tiġi politiċizzata u jkomplu jitbaxxew l-istandards ta' mġiba etika u tas-servizz li jingħata.*"[12]

# 4 Il-persuni ta' fiduċja skont l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika

## *4.1 X'tgħid il-liġi*

L-istess liġi li emendat l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika fl-2021 bidlet it-tifsira tal-kelmiet "persuna ta' fiduċja" fl-artikolu 2 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. It-tifsira l-ġdida tgħid hekk:

> *"persuna ta' fiduċja" tfisser:*
>
> *(i) kwalunkwe impjegat jew persuna ingaġġata direttament minn barra s-servizz pubbliku u s-settur pubbliku sabiex taġixxi bħala konsulent jew persunal fis-segretarjat privat ta' Ministru; jew*
>
> *(ii) kwalunkwe impjegat jew persuna ingaġġata direttament minn barra s-servizz pubbliku u s-settur pubbliku sabiex taġixxi bħala konsulent jew persunal fis-segretarjat privat ta' Segretarju Parlamentari; jew*
>
> *(iii) persuna ingaġġata f'każ illi kariga tibqa' vakanti wara sejħiet pubbliċi ripetuti għall-ingaġġ; jew*
>
> *(iv) persuna li tkun ġiet ingaġġata skont il-proċedura stabbilita taħt l-artikolu 6A tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.*

Din it-tifsira tikkorrispondi mal-artikolu 6A(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, li jgħid hekk:

> *Il-Ministri u s-Segretarji Parlamentari jistgħu jingaġġaw direttament, fuq bażi ta' persuni ta' fiduċja, individwi minn barra s-servizz pubbliku u s-settur pubbliku:*
>
> *(a) biex jaġixxu bħala konsulenti għal Ministru jew Segretarju Parlamentari; jew*

---

[12] Ittra mhux ippubblikata bid-data tas-7 ta' Ottubru 2020 (silta maqluba mill-Ingliż).

*(b)* *biex jaġixxu bħala persunal tas-Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari; jew*

*(ċ)* *f'każ li wara sejħiet pubbliċi ripetittivi għal ingaġġ, kariga tibqa' vakanti:*

*Iżda persuni ta' fiduċja ma għandhomx jiġu meqjusa bħala uffiċjali pubbliċi jew impjegati pubbliċi.*

## 4.2 Din it-tifsira għal min tapplika?

Bla dubju, l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika japplika għal:

- persuni ta' fiduċja fis-segretarjat ta' ministru jew segretarju parlamentari (ara **t-taqsima 2.3** ta' din in-nota ta' informazzjoni);
- persuni ta' fiduċja li jservu bħala konsulenti dwar policy fi Strategic and Policy Unit (**it-taqsima 2.4**); u
- persuni ta' fiduċja ingaġġati taħt l-artikolu 6A(1)(ċ) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika biex jimlew karigi li baqgħu battala f'xi dipartiment tal-gvern jew entità pubblika (**it-taqsima 2.6**).

Għalkemm il-persuni ta' fiduċja mhumiex meqjusa bħala impjegati pubbliċi, l-artikolu 3(1)(b) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika xorta jobbligahom isegwu l-kodiċi ta' etika għall-impjegati pubbliċi.[13] Il-Kummissarju għall-Istandards jista' jinvestiga ksur ta' dan il-kodiċi min-naħa tagħhom.

Wieħed għandu jżomm f'moħħu d-distinzjoni bejn persuna ta' fiduċja u persuna f'pożizzjoni ta' fiduċja. Persuni f'pożizzjonijiet ta' fiduċja – jiġifieri impjegati pubbliċi li jiġu ngaġġati bħala membri ta' segretarjat jew bħala konsulenti dwar policy – ma jaqgħux taħt l-Att u ma jistgħux jiġu investigati mill-Kummissarju għall-Istandards.

Mhux ċar mal-ewwel daqqa t'għajn jekk l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika japplikax għal persuni ta' fiduċja f'**uffiċċji relatati li ma jfasslux policy**, bħal per eżempju s-Central Government Customer Care Unit (**it-taqsima 2.4**). Uffiċċji bħal dawn la jissemmew f'dan l-Att u lanqas fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Madankollu, l-artikolu 6A ġie inkluż fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika biex jipprovdi "*bażi legali għall-ħatra ta' persuni ta' fiduċja*",[14] u m'hemm ebda dispożizzjoni legali oħra li tippermetti l-ingaġġ ta' persuni ta' fiduċja f'uffiċċji bħal dawn. Jekk japplika għalihom l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, daqstant ieħor japplika l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

---

[13] Dan il-kodiċi jinsab fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Il-kodiċi waħdu huwa aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Kodici-ta-Etika-POTs-kurrenti.pdf.

[14] Ara d-dikjarazzjoni dwar għanijiet u raġunijiet fl-Abbozz 159 tal-2020, aċċessibbli minn https://parlament.mt/media/107601/bill-159.pdf.

Mhux ċar ukoll jekk l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika japplikax għal persuni ingaġġati fuq kuntratt għal servizz biex jagħtu pariri lil xi ministru jew segretarju parlamentari (**it-taqsima 2.1**). Minn banda, sew dan l-Att u sew l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika jirreferu għal persuni "ingaġġati" bħala konsulenti. Din il-kelma ma teskludix persuni li għandhom kuntratt għal servizz.

Mill-banda l-oħra, jekk l-artikolu 6A tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika jinqara kollu f'daqqa, jista' jinftiehem li japplika biss għal dawk li għandhom kuntratt ta' impieg, minkejja li fl-istess waqt l-artikolu 6A(1) jgħid li m'għandhomx jitqiesu bħala impjegati. Il-mistoqsija li tqum hija jekk dan għandux jinfluwenza l-interpretazzjoni tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Din il-kwistjoni tista' tiġi riżolta biss jekk il-Kummissarju għall-Istandards jirċievi ilment dwar konsulent ta' ministru jew segretarju parlamentari li qed iservi taħt kuntratt għal servizz.

Huwa ċar li hemm diversi kategoriji ta' persuni b'ħatra politika li **ma jaqgħux** taħt l-Att. Dawn jinkludu:

- il-membri ta' bordijiet u kumitati tal-gvern (**it-taqsima 2.2**);
- impjegati pubbliċi għolja, inkluż il-kapijiet eżekuttivi ta' entitajiet pubbliċi (**it-taqsima 2.5**); u
- persuni impjegati skont il-fiduċja minn entitajiet pubbliċi taħt l-artikolu 15(2)(a) tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (**it-taqsima 2.6**).

# 5 Ilmenti dwar persuni ta' fiduċja

Membru tal-pubbliku jista' jsibha diffiċli biex jiddetermina jekk individwu partikolari huwiex persuna ta' fiduċja skont it-tifsira fl-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Kif intwera f'din in-nota ta' informazzjoni, mhux biżżejjed li wieħed ikun jaf fejn jaħdem dak l-individwu. Membru tas-segretarjat ta' ministru jista' jkun impjegat pubbliku regolari u allura ma jaqax taħt l-Att. Mill-banda l-oħra, huwa possibbli li ħaddiem f'dipartiment tal-gvern jew entità pubblika ġie ingaġġat bħala persuna ta' fiduċja taħt l-artikolu 6A(1)(ċ) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-membri tas-segretarjati huma persuni ta' fiduċja, mentri l-ħaddiema fid-dipartimenti tal-gvern u l-entitajiet pubbliċi huma kważi kollha impjegati pubbliċi regolari. Għalhekk jistgħu jinħarġu dawn il-punti bħala linji gwida ġenerali:

- jekk individwu qed iservi fis-segretarjat ta' ministru jew segretarju parlamentari, x'aktarx li jaqa' taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika;
- jekk individwu qed jaħdem f'dipartiment tal-gvern jew entità pubblika, huwa probabbli ħafna li ma jaqax taħt l-Att.

Sfortunatament mhux possibbli li jiġu mfassla regoli aktar preċiżi. Għal din ir-raġuni, jekk membru tal-pubbliku jixtieq iressaq ilment dwar individwu quddiem il-Kummissarju għall-Istandards, iżda mhux ċert jekk dak l-individwu jaqax taħt l-Att, xorta għandu

jressaq l-ilment. Il-Kummissarju jagħmel l-indaġni li jkun hemm bżonn biex jiddetermina jekk l-individwu jaqax taħt l-Att. Jekk il-Kummissarju jsib li ma jistax jinvestiga l-ilment, huwa javża lil min għamlu u jgħidlu għalfejn ma jistax jinvestiga l-ilment.